Kunsill Lokali – Marsaxlokk – Local Council

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali MARSAXLOKK

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 13

It-Tnejn 2 ta' Marzu 2020

Il-Kunsilli Lokali Marsaxlokk iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu, li jinsab fl-indirizz 2, Triq Vittorio Cassar, Marsaxlokk - fl-4:00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

| | | |
|---|---|---|
| Steven Grech | – | Sindku |
| Elenia Desira | – | Viċi Sindku |
| Janice Chetcuti | – | Kunsillier |
| Daniel Zerafa | – | Kunsillier |
| Stephen Caruana | – | Kunsillier |

UFFIĊJAL PREŻENTI:

| | | |
|---|---|---|
| Jordy Brincat | – | Deputat Segretarju Eżekuttiv |

| | |
|---|---|
| 13.1 | Qari ta' ittri ta' apoloġiji |
| 13.1.1 | Xejn |
| 13.2 | Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti |
| 13.2.1 | Kopja tal-minuti tas-seduta preċedenti numru 12, tqassmet lill-Kunsilliera qabel il-laqgħa u għaldaqstant il-minuti ta' dawn il-laqgħat ittieħdu bħala moqrija. Il-Kunsilliera Dr. Janice Chetcuti ikjarifikat li punt: 12.3.9 fejn hemm mnizzel li *'Dwar din il-laqgħa kienu infurmati l-Kunsilliera kollha'* fejn Dr.Chetcuti qalet li hi kienet avżata u infurmata minn ġurnata biss qabel, u għalhekk kien impossibli għaliha li tattendi minħabba mpenji oħra. Li kieku kienet disposta kienet tattendi żgur. |
| 13.2.2 | Is-Sur Stephen Caruana ppropona, u s-Sur Steven Grech issekonda bħala koretti, il-minuti tas-seduta preċedenti numru 12, u ġew approvati b'votazzjoni unanima fost dawk preżenti. |
| 13.3 | Komunikazzjonijiet mis-Sindku |
| 13.3.1 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera preżenti li fis-7 ta` Frar 2020 saret laqgħa bejn is-Sindku, id-Deputat Segretarju Eżekuttiv u l-Ispettur tad-Distrett, rigward il-problema tad-dgħajjes u l-karrijiet imferrxin fil-lokal. |
| 13.3.2 | Fit-12 ta` Frar 2020 saret laqgħa bejn is-Sindku, d-Deputat Segretarju Eżekuttiv, l-Kunsilliera kollha flimkien mal-Avukat tal-Kunsill u tlett rappreżentanti minn Triq il-Port Ruman. Din il-laqgħa saret rigward l-applikazzjoni quddiem il-Planning Authority dwar il-*Boatyard / Jogging track* fiż-żona tal-Port Ruman. Dr.Janice Chetcuti talbet sabiex waqt is-seduta tal-llum jittieħed vot sabiex il-Kunsill jiddeċiedi jekk iġġedidx l-appikazzjoni għall-permess tal-*jogging track*. Is-Sindku Steven Grech qal li hu jixtieq li jingħata ċans ta' xahrejn qabel ma tittieħed din id-deċiżjoni mill-Kunsill. Il-Kunsillier Daniel Zerafa jixtieq li qabel ma mmorru għal vot, il-Kunsill jiltaqa' mal-entitajiet kollha ikkonċernati bħal dawk tal-Ambjent u s-Sajd.<br><br>- *Il-ħin huwa l-4.28pm u l-laqgħa ġiet sospiża, minħabba li xi residenti xtaqu jitkellmu.*<br>------------------------------------------------------------------------------------------------------<br>- *Il-ħin huwa l-4.39pm u l-laqgħa tkompliet.*<br><br>Wara diskussjoni libera bejn il-Kunsilliera, il-Kunsill Lokali qabel li jieħu vot dwar din il-materja. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv qal li l-mistoqsija lill-Kunsilliera għall-votazzjoni se tkun: 'Wara l-parir legali li ngħatajna mingħand l-istess Avukat tal-Kunsill, il-Kunsill Lokali ta' Marsaxlokk jaqbel li jagħmel *renewal* tal-permess għal *jogging track* fiż-żona ta' Port Ruman għax din se tiskadi dalwaqt?'<br><br>Il-voti kienu hekk:<br><br>*Favur ir-renewal:* Elenia Desira / Janice Chetcuti / Stephen Caruana<br>*Kontra ir-renewal:* Steven Grech / Daniel Zerafa |

| | |
|---|---|
| | Il-vot għadda 3 favur u 2 kontra din il-mistoqsija u għalhekk se jsir kuntatt mal-Perit sabiex isir *renewal* tal-permess tal-*jogging track* fiż-żona ta' Port Ruman.<br><br>Fit-12 ta' Frar ukoll reġgħet saret laqgħa oħra bejn is-Sindku, d-Deputat Segretarju Eżekuttiv, il-Kunsilliera kollha u l-Uffiċjal Eżekuttiv flimkien mal-Kuntrattur tal-Iskart u l-Avukat tal-istess Kuntrattur. Din il-laqgħa saret wara l-aħħar laqgħa li saret bejnietna rigward l-ittra inkwistjoni mal-Wasteserv u L-ġbir tal-iskart organiku peress li dan qed ikun *grouped* flimkien ma' lokalità oħra. |
| 13.3.3 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera preżenti li fl-14 ta` Frar 2020 saret laqgħa mal-Ministru tat-Turiżmu l-Onor. Julia Farrugia Portelli fil-Ministeru tat-Turizmu. Għal din il-laqgħa attendew is-Sindku, d-Deputat Segretarju Eżekuttiv u l-Kunsillier Daniel Zerafa. F'din il-laqgħa ġiet diskussa t-tkomplija tar-*Regeneration Plan* flimkien m'affarijiet oħra li għandhom x`jaqsmu mal-lokal ta` Marsaxlokk. |
| 13.3.4 | Fis-17 ta` Frar 2020 saret laqgħa bejn is-Sindku, d-Deputat Segretarju Eżekuttiv, flimkien ma' rappreżentanti mill-Kumpanija Droplet Ltd. Din il-laqgħa ġiet diskussa l-*waterpoint* li hemm biswit it-*Tourism Information Office*. Bħal ma konna infurmati, l-Awtorità tal-Ippjanar kienet bagħtet avviż ta' infurzar sabiex din l-*waterpoint* titneħħa għax ma kelliex il-permessi neċċesarji. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv talab sabiex jiġi ippreżentat kopja tal-kuntratt sabiex jiġi ippreżentat quddiem il-Kunsill għad-diskussjoni. |
| 13.3.5 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera preżenti li fit-18 ta` Frar 2020, saret laqgħa bejn is-Sindku u d-Deputat Segretarju Eżekuttiv, flimkien ma rappreżentanti minn Café Cordina. Dawn qed joffru li jinstallaw diversi *totems* f'Marsaxlokk. |
| 13.3.6 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera preżenti li fil-21 ta` Frar 2020 saret laqgħa bejn is-Sindku, d-Deputat Segretarju Eżekuttiv flimkien mal-Kap Eżekuttiv tal-GreenMT. Din il-laqgħa saret rigward kif nistgħu ntejjbu s-servizz tat-tqassim tal-boroz il-griżi u l-*bring in sites* ta' ħdejn il-grawnd tal-futbol. |
| 13.3.7 | Is-Sindku qal li s-Sibt 22 ta' Frar 2020 attenda għall-konferenza organizzata mill-AKL bl-isem *Mayor's Round Table Conference* li saret go lukanda f'Buġibba. F'din il-laqgħa attendew is-Sindki kollha ta' Malta fejn ġie diskuss fost l-oħrajn, il-*Pedestrian walking*, *smart cities*, *transport* u l-problemi tal-parkeġġ. |
| 13.4 | Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri |
| 13.4.1 | Il-Kunsilliera Dr. Janice Chetcuti kellha dawn il-mistoqsijiet lis-Sindku/Deputat Segretarju Eżekuttiv:<br><br>1) *Is-sena l-oħra konna ġejna mitluba mis-Segretarju Eżekuttiv biex nippreparaw business plan li jirrigwarda d-dekasteri li aħna tagħhom responsabbli. Jiena kont ħejjejt u ippreżentajt pjan li jikkonċerna l-isports u attivitajiet relatati li qiegħda nanneti ma' din l-email. Permezz ta' l-iskema iffinanzjata mill-Gvern li kont applikajt għaliha s-sessjonijiet ta' l-isports li għandna bħalissa huma* |

| | |
|---|---|
| | *finanzjarjament koperti sa' l-aħħar ta' Marzu, u għaldaqstant jekk dawn ser ikomplu mill-ewwel ta' April iridu jiġu mħallasin mill-Kunsill hekk kif kien propost fil-business plan tiegħi. Biss iridu jitnaqqsu €480 li jkopru x-xahar ta' Marzu peress li dawn tħallsu mill-iskema. Għaldaqstant minn April sa Diċembru 2020, l-ammont dovut minna jkun ta' €3,760. Ovvjament jekk terġa' tiftaħ l-iskema, aħna napplikaw u nerġgħu nieħdu dan il-finanzjament. Qed nitlob feedback minn għandkom biex nara jekk hux ser inkomplu b' dawn is-sessjonijiet.*<br><br>R: Il-Kunsill approva din it-talba uninament<br><br>---<br><br>2) *Nhar il-Ħadd 23 ta' Frar, bħal kull Ħadd ieħor, matul ix-Xatt kollu kien hemm disordni kbira. Il-vannijiet tal-bejjiegħa li suppost (anke jekk b' mod mhux kif mitlub) ikunu pparkjati herringbone fil-fatt kienu pparkjati b'mod vertikali u allura bdew jieħdu aktar min-nofs it-triq! Bejniethom kien hemm ukoll karozzi ta' daqs normali pparkjati double parking. Għaldaqstant l-ispazju għall-vetturi li kienu għaddejin isuqu kien wieħed verament ridott. Il-bankini ovvjament kienu mimlija bl-imwejjed u display tables minn xi restaurants bir-riżultat ta' dejjem, li jġiegħel in-nies li jridu jimxu jgħaddu zigu zajg ma' dawn l-imwejjed u saħansitra jippruvaw jgħaddu minn ġot-triq dejqa li kien għad fadal. Ha ninkludi ovvjament lili nnifsi u nistaqsi 'QIEGHDIN NAGĦMLU BIŻŻEJJED PRESSJONI BĦALA KUNSILL BIEX DIN IS-SITWAZZJONI TIĠI IRRANĠATA IMMEDJATAMENT WARA TANT ŻMIEN TA' STENNIJA BIEX NIĠU SSAPORTJATI MILL-AWTORITAJIET IKKONCERNATI IŻDA QATT MA ĠARA XEJN?' Jiena nħoss li hemm bżonn li bħala Kunsill nibgħatu l-messaġġ bis-serjetà li m'aħniex ser naċċettaw aktar dan kollu u nieħdu passi neċessarji biex nuru li aħna wara r-residenti tagħna speċjalment fejn tidħol is-sigurtà tagħhom.*<br><br>R: Is-Sindku qal li fil-ġranet li ġejjin se tintbgħat ittra lir-restoranti sabiex issir laqgħa magħhom u niddiskutu din il-problema. Sa dan it-tant, is-Sindku tkellem mal-Ispettur fuq din il-materja. |
| 13.5 | Rapporti |
| 13.5.1 | - Permezz ta' korrispondenza datata 25 ta' Frar 2020 mingħand id-Dipartiment tal-Gvern Lokali fejn dan qed jiġbed l-attenzjoni tal-Kunsill li l-bandli tal-Magħluq hemm bżonn li jinbidel ir-*rubber floor* tiegħu għax hemm periklu għat-tfal. Wara li nġabret stima ta' kemm jiġu dawn it-tiswijiet, ġie deċiż li tinħareġ sejħa għall-offerti sabiex jinbidel it-tapit, tisewwa bandla eżistenti u kif ukoll issir bandla ġdida għall-persuni bi bżonijiet speċjali. Qabel dan nagħmlu *risk assesment* sabiex jekk hemm bżonn nirranġaw xi affarijiet, dawn ikunu jistgħu jiġu mniżżla fl-istess sejħa. Għal dan il-proġett se napplikaw għal fondi tal-UIF maħruġa mill-Awtorità tal-Ippjanar.<br><br>- Permezz ta' korrispondenza datata 27 ta' Frar 2020 mingħand kumpanija li tieħu ħsieb l-Attivitajiet Kulturali, fejn dawn qed jipproponu li fit-3 ta' Mejju jagħmlu attività *'The Malta International Spring Festival'* f'Marsaxlokk. Fil-korrispondenza dawn talbu diversi affarijiet loġistiċi fosthom pulizija, *coaches* għall-gruppi barranin, *sound*, siġġijiet, *power supply*, *refreshements* u *token* għall-parteċipanti. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta u alloka *budget* ta' mhux iżjed minn €800. Is-Sindku qal li hu se jieħu ħsieb jiġbor xi affarijiet u anke jieħu ħsieb l-attività. |

- Permezz ta’ ittra datata 25 ta’ Frar 2020 mingħand residenta li toqgħod f’tarf Triq ix-Xerriek c/w Triq il-Kavallerizza, fejn din qed tilmenta li hemm xi individwi li qed iħallu l-ħmieġ tal-klieb f’parti mit-triq il-ġdida li saret. Is-Sindku qal li hu diġa waħħal *dog bin* fejn wieħed jarmi l-ħmieġ tal-klieb fih f’din iż-żona. Ser jiġu ordnati 3 tabelli sabiex nindikaw lin-nies li hemm it-triq hija waħda perikoluża.

- Permezz ta’ email mingħand id-Dipartiment tal-Gvern Lokali fejn dawn ġibdu l-attenzjoni tal-Kunsill, li hemm bankina mkissra fi Triq Trunċiera ma’ Xatt is-Sajjieda. Is-Sindku qal li wara li twaħħlet il-*crash barrier*, issa se ssir il-bankina ukoll.

- Permezz ta’ korrispondenza datata 22 ta’ Frar 2020 fejn is-Sindku bagħat email lil Kunsilliera sabiex jitlobhom jibgħatu *no objection* ħalli dak il-passaġġ li hemm faċċata tal-Kunsill jkun jista’ jinbena mis-sid li għandu l-art. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv qal li sakemm mhux se jkollu d-dokumenti neċessarji li jgħidu li l-passaġġ msemmi hu propjetà tiegħu, hu mhux se jagħmel l-ebda dikjarazzjoni. Is-Sindku talb lis-sid, sabiex dan iġib dawn id-dokumenti. Meta dawn id-dokumenti mitluba jaslu, u jkunu kkonferma ta’ dak li qed jgħid is-sid, tkun tista’ tinħareġ din l-ittra.

- Permezz ta’ korrispondenza datata 20 ta’ Frar 2020, mingħand il-Cleansing fejn dawn ġibdu l-attenzjoni tal-Kunsill sabiex isir tidif f’Dellimara, fejn qed imorru jikkampjaw b’mod illegali. Il-Kunsill qabel li din ma titdnaddafx minħabba li jagħti jkun lok li xorta jmorru jikkampjaw hemm. Se nitkellmu mar-rappreżentanta tal-Urban Greening u l-Ministeru għal-Ambjent sabiex forsi jkollna xi għajnuna mingħand dawn wkoll.

- Permezz ta’ rapport tal-Pulizija u kont ta’ tyre mifquħ li wasal il-Kunsill fid-19 ta’ Frar, fejn fih hemm miktub li ċittadina qasmet *tyre* fi triq ta’ bejn Triq Lepanto u Triq il-Kavalerizza. Din is-Sinjura qed titlob kumpens għal ħsara li ġarrbet. Wara diskussjoni libera bejn il-Kunsilliera ġie deċiż li ma jsir l-ebda rifużjoni minħabba li fejn sar dan l-aċċident hija żona privata u li min għamel dak il-barrier mingħajr dawl (skond li hemm miktub fir-rapport tal-pulzija) dan ma sarx mill-Kunsill imma minn ta’ min hi l-art.

- Permezz ta’ kwotazzjoni miġbura, id-Deputat Segretarju Eżekuttiv qal li għat-tiswijiet tal-ħsarat li għandu l-van tal-Kunsill, l-ispiża s’issa hi dik ta €3,717, u li din tista’ tiżdied minħabba li fil-kwotazzjoni hemm imniżżel li s-*service* jista’ jkun għola min dak li hu miktub. Il-Kunsill qabel li għalissa ma jsirux it-tiswijiet fil-qiegħ tal-kaxxa u naraw jekk it-*tail lift* hux kopert li jgħaddi mill-VRT jekk ma jkunx jaħdem. Din trid issir mill-aktar fis għaliex dan ix-xahar tiskadi l-liċenzja tal-van.

- Permezz tal-ittra mingħand l-Ombudsman, datata 13 ta’ Frar, il-Kunsill Lokali ġie mitlub jgħaddi min kien u minn min kien imqabbad sabiex jittieħdu l-qisien tal-bejjiegħa tal-monti fl-2009 u fl-2013. Nibgħatu wkoll jekk il-Kunsill għandux pjanta ta’ dawn il-qisien. Dan minħabba li bejjiegħ tal-monti fetaħ każ quddiem l-Ombudsman minħabba li mhux jaqbel mal-qies li ngħata lilu. Wara diskussjoni libera ġie maqbul li jintbgħatu biss, dettalji ta’ min kien u minn min kien imqabbad għax dawk biss għandna.

| | |
|---|---|
| | - Permezz ta' korrispondenza datata 18 ta' Jannar 2020 mingħand il-*Malta Tourisim Authority* fejn il-Kunsill ġie mfaħħar għax-xogħol li sar fil-latrini u dwar iż-żamma tagħhom tul dawn l-aħħar ġimgħat.<br><br>- Permezz ta' email datata 14 ta' Frar 2020 mingħand *Enforcement Complaints* tal-Awtorità tal-Ippjanar, fejn dawn wara l-investigaw il-każ CM427/20 sabu li ix-xogħlijiet tal-binja li qed tinbena fuq il-moll f'Xatt is-Sajjieda quddiem it-Torri Vendome, huma konformi u skond kif apporvati fil-permess PA6486/16. Għalhekk l-oġġezzjoni tal-Kunsill hija nulla.<br><br>- Permezz ta' korrispondenza datata 11 ta' Frar 2020 mingħand il-*Malta International Airport*, rigward l-installazzjoni tas-*SeaBin* f'Marsaxlokk. Il-Kunsillier Daniel Zerafa ltaqa' mar-rappreżentanti tagħhom fejn iddiskutew il-loġistika ta' kif se jiġi nstallat dan il-*bin*. Il-Kunsill qabel li l-installazzjoni kif ukoll l-istruttura tal-konkos etċ, issir min-naħa tagħhom. Sadanittant nitkellmu ma' Kunsilli Lokali viċin tagħna sabiex naraw x'għamlu biex jieħdu ħsieb dan is-*Sea Bin.*<br><br>- Permezz ta' korrispondenza datata 7 ta' Frar 2020 mingħand Diviżjoni tal-Gvern Lokali, id-Deputat Segretarju Eżekuttiv qal li informa lil-istess diviżjoni li l-Kunsill hu interessat li jtellgħa' l-attività marbuta ma' Ċirkolari 9/2017.<br><br>- Permezz ta' kwotazzjoni miġbura, id-Deputat Segretarju Eżekuttiv qal li nġabret kwotazzjoni sabiex isir *fence* pulit mad-dawra ta' Ġnien il-Familja fil-parti ta' fejn hemm il-bandli. Dan minħabba li l-MCCAA ġibdulna l-attenzjoni li jrid ikun hemm *fence* sabiex it-tfal ma jkunux jistgħu jaqbżu fil-ħamrija. L-orħos kwotazzjoni sabiex jinxtara l-materjal għal dan il-fence hi dik ta' €688. Ma' dawn iridu jiżdiedu żebgħa, u aċċessorji oħra sabiex dawn jistgħu jiġu nstallati mill-ħaddiema tagħna.<br><br>- Email mingħand l-ex Sindku fejn dan bagħtilna il-kundizzjonijiet marbuta mal-permessi tal-*Powerstation* f'Dellimara (PA 4854/09 U PA 21/14). Ma dawn hemm marbutin fondi ta' €139,200 u €125,000 rispettivament. Dawn il-fondi qegħdin indikati bħala *Planning Gain towards Environmental Initiatives.* Min-naħa tad-Deputat Segretarju Eżekuttiv diġa' bagħat din l-*email* lill-President tar-Reġjun sabiex ikun jista' jassistina fiha.<br><br>- Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill Lokali, l-avviżi ppublikati fil-Gazzetta tal-Gvern mill-Awotità tal-Ippjanar, għall-żviluppi f'Marsaxlokk bin-numri:<br><br>PA/09026/19, PA/01152/20, PA/01296/20, PA/03115/19, PA/08386/19, EC/00153/19, PA/06717/19, PA/04028/19, PA/07820/19, PA/00745/20, PA/00754/20, PA/00851/20, PA/00891/20, PA/02144/19, PA/05585/19, PA/07626/19.<br><br>Ġie deċiż li nibgħatu l-oġġezzjoni tagħna għal PA/00745/20 minħabba li l-Kunsill ma jaqbilx li jsir żvillup sħiħ fuq art ODZ. Nibgħatu wkoll rakkamandazzjoni sabiex PA/001152/20 tkun amalgamata mal-estetika preżenti. Dwar PA/04028/19 nibgħatu nuru l-interess tagħna f'din l-applikazzjoni. |

| | |
|---|---|
| | - *Il-ħin huwa s-6.30pm u l-laqgħa ġiet sospiża, minħabba li residenti xtaqu jitkellem.*<br>-------------------------------------------------------------------------------------------------<br>- *Il-ħin huwa is-6.37pm u l-laqgħa tkompliet.*<br><br>- Wara laqgħa mal-Perit mqabbad mill-Kuntrattur li qed jieħu ħsieb l-applikazzjoni PC/131/18 u li ġiet diskussa fl-aħħar seduta, il-Kunsill Lokali bagħat ittra ta' oġġezzjoni, u ġie deċiż li din l-ittra issa tiġi irtirata. Dan għadda b'vot unnanimu bejn dawk preżenti.<br><br>- Is-Sindku ippreżenta żewġ talbiet għal-bozzoz ġodda. Bozza ġdida fi Triq Barthelemy fejn infetħet it-triq il-ġdida u l-oħra fi Triq Dellimara, Dellimara. Kien hemm qbil unnanimu fuq dawn it-talbiet.<br><br>- Is-Sindku qal ukoll li se nagħmlu laqgħa mal-Onor. Ian Borg sabiex jiġu solvuti ċertu problemi. Fosthom ic-*centre strip* li hemm fi Triq il-Wilġa qabel ma ddur lejn il-*powerstation* u *road markigs* fi Triq l-Imriekeb.<br><br>- Is-Sindku qal li għar-raba' reġgħet tkissret il-mera li hemm fi Triq il-Powerstation. Sar qbil sabiex din ma terġax titwaħal oħra. |
| 13.6 | Mozzjonijiet |
| 13.6.1 | Ma kienx hemm. |
| 13.7 | Ingaġġ ta' Skrivan/a ġdid/a fi Skala 15 |
| 13.7.1 | Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ressaq quddiem il-Kunsill kopja tar-rapport tal-Bord tal-għażla tal-intervisti li saru lill-kandidati skond il-lista minn part 1 u part 2 mibgħuta mill-*Jobsplus*. Il-lista b'kollox kellha 16-il kandidat eleġibbli. Minn dawn is-16 kienu 5 il-kandidati li applikaw u wrew interess fil-post. Minn dawn il-5 kienu biss 2 li ġew għall-intervista. Wara li saru l-intervisti l-Bord tal-għażla għażel kandidata nru 2 li ġabet 82.5% kontra l-kandidat nru 1 li ġab 40%.<br><br>Wara diskussjoni bejn il-Kunsilliera, qablu li nibgħatu lill-*Jobsplus* ħalli niftħu part 3 ħalli b'hekk ikun hemm iżjed kandidati eleġibbli sabiex il-Kunsill ikun jista' jagħżel. |
| 13.8 | Estenzjoni tad-Deputat Segretarju Eżekuttiv |
| 13.8.1 | Is-Sindku qal li l-Kunsill irid jiddeċiedi jekk hux se jġedded għal 90 jum ieħor il-kariga tad-Deputat Segretarju Eżekuttiv preżenti. Is-Sindku talab biex għal dak il-ħin id-Deputat Segretarju Eżekuttiv iħalli l-kamra, joħorġu n-nies preżenti u jintefa l-apparat tal-*audio*, sabiex issir diskussjoni bejn il-Kunsilliera. Wara li saret diskussjoni libera bejn il-Kunsilliera preżenti, id-Deputat Segretarju Eżekuttiv intalab jerġa' jidħol fil-kamra. Ġie deċiż b'4 voti favur u 1 kontra, li t-terminu ma jiġix imġedded, minħabba lid-Deputat Segretarju Eżekuttiv huwa li hu wkoll Assistent Priċipal mal-Kunsill u huwa mgħobbi bix-xogħol. Għalhekk għada se tkun l-aħħar jum tiegħu bħala Deputat Segretarju Eżekuttiv u li se jitlob sabiex jinħatar Deputat/Aġent Segretarju Eżekuttiv ieħor. |

| | |
|---|---|
| 13.9 | Monti tal-Ħadd |
| 13.9.1 | Il-Kunsill Lokali qabel li hemm bżonn inżidu iżjed pressjoni fuq il-Gvern Ċentrali ħalli il-Monti ta' nhar ta' Ħadd ikun jista jiġi organizzat kemm jista jkun malajr. |
| 13.10 | Mwejjed u Siġġijiet |
| 13.10.1 | Is-Sindku ippreżenta kopja ta' ittra li se titqassam lir-Restoranti f'Xatt is-Sajjieda, il-Pjazza u Triq il-Wilġa. Din l-ittra fiha li se ssir laqgħa sabiex niddiskutu magħhom u jiġi spjegat lis-sidien il-pass li jmiss għat-tkomplija tar-*Reginaration Plan*. Ġie deċiż li din il-laqgħa ssir nhar it-Tnejn 16 ta' Marzu 2020 fid-9:00am fis-Sala ta' maġenb id-Dar Parrokjali fil-Pjazza. |
| 13.11 | Jum Marsaxlokk 2020 |
| 12.11.1 | Is-Sindku ippropona sabiex issir laqgħa bejn il-Kunsilliera ħalli jiġi iffinalizzat il-programm ta' Jum Marsaxlokk. Il-laqgħa se ssir nhar it-Tnejn 16 ta' Marzu 2020 wara li tintemm il-laqgħa mas-sidien tar-restoranti.<br><br>- *Il-ħin huwa s-7.30pm u l-Viċi Sindku Elenia Desira talbet sabiex tiġi skużata mill-laqgħa. Il-Kunsill qabel li tiġi skużata.* |
| 13.12 | Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskedi ta' pagamenti |
| 13.12.1 | Is-Sindku poġġa fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali skeda ta' pagamenti (Skeda nru.3/20) għall-approvazzjoni. |
| 13.10.2 | Fuq mozzjoni tas-Sur Stephen Caruana, issekondata mis-Sur Steven Grech, Il-Kunsill Lokali unanimament approva l-lista li hi anessa u li tifforma parti minn dawn il-minuti. |
| 13.12.3 | Is-Sindku poġġa fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali il-lista ta' *petty cash* maħruġ għax-xahar ta' Frar 2020 għall-approvazzjoni tal-Kunsill Lokali. |
| 12.13 | Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss |
| 12.13.1 | Is-Seduta tal-Kunsill Lokali ntemmet fit-7:50pm wara li ġiet eżawrita l-aġenda, u ġiet aġġornata għal nhar il-Ġimgħa 27 ta' Marzu 2020, fl-4.00pm. |

Konfermati, illum 27 ta' Marzu 2020.

IFFIRMATA

________________________

Steven Grech
*Sindku*

IFFIRMATA

_________________________

Charles  Attard
f/Jordy Brincat
*Deputat Segretarju Eżekuttiv*